Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 14/17

**AVVIŻI**

**2 ta' April 2017**

Il-ġabra li sa ssir illum tmur għas-Seminarju djoċesan. Ngħinu bl-għotja tagħna filwaqt li nitolbu għal vokazzjonijiet saċerdotali qaddisa.

Minn nhar it-Tnejn 3 ta' April wara l-quddiesa tas-7pm jkun hawn kors ta' eżerċizzi spiritwali għal kulħadd bit-tema "Sejjaħli". Nistiednu b'mod speċjali lil kull min ħa sehem fid-dramm tal-passjoni biex jattendi.

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' April issir il-Festa devozzjonali ta' Marija Addolorata. Il-quddies ikun fil-5.30am, fis-6.15am, f'nofsinhar u fis-7pm. Wara l-quddiesa tas-7pm issir purċissjoni fit-toroq tal-parroċċa.

Nhar il-Ħadd 9 ta' April nibdew il-Ġimgħa Mqaddsa b'Ħadd il-Palm. Fit-8.30am tibda t-tifkira tad-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm mill-pjazza ta' quddiem il-Knisja. It-tfal jistgħu jieħdu sehem bl-ilbies ta' tfal Lhud.

Is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 ta' April il-Kumitat tal-Festa sa jorganizza Bazaar fejn ikun hemm Pjanti, Figolli u ħwejjeġ oħra għall-bejgħ.